MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2009

Numru 565/2009

PULIZIJA
SPETTUR FABIAN FLERI
VS
ALFRED FENECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alfred Fenech, iben Francis u Pauline nee' Fenech, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Awwissu 1976, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 23577M u residenti Sydney House, Triq Ta' Rumi, Marsaskala:

Billi huwa akkuzat talli nhar l-4 ta' Mejju 2008, ghall-habta ta' 16:30hrs gewwa Triq Ta' Rumi Marsaskala, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru JBJ697 ta' ghamla Hyundai Accent, liema hsara huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin

Lira Maltin) u anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija) ghad-dannu ta’ George Mifsud Bonnici;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputat (a fol.7) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

Ghal fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Alfred Fenech, hati skond l-akkuzi u wara li rat l-Artikoli 334, 338(dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina impekkabbli tieghu u l-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha li kellu mall-kwerelant fis-17 ta’ Gunju 2009 (ara Dok.X).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------